9.6.2021

B9-0347/2021 }
B9-0348/2021 }
B9-0351/2021 }
B9-0352/2021 }
B9-0360/2021 } RC1/Em. 1

**Emenda 1**
**Clare Daly**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, ECR**
L-elenkar ta' NGOs Ġermaniżi bħala "organizzazzjonijiet mhux mixtieqa" mir-Russja u d-detenzjoni ta' Andrei Pivovarov

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa L**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| L. billi fis-27 ta' Mejju 2021 Open Russia ħabbar li se jwaqqaf l-attivitajiet tiegħu biex jipproteġi lill-persunal u lill-membri tiegħu mill-prosekuzzjoni kriminali fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni Russa dwar l-"organizzazzjonijiet mhux mixtieqa"; | L. billi fis-27 ta' Mejju 2021 Open Russia ħabbar li se jwaqqaf l-attivitajiet tiegħu biex jipproteġi lill-persunal u lill-membri tiegħu mill-prosekuzzjoni kriminali fl-ambitu tal-leġiżlazzjoni Russa dwar l-"organizzazzjonijiet mhux mixtieqa"; ***billi Open Russia hija marbuta mal-ex oligark Russu eżiljat Mikhail Khodorkovsky, li appella b'mod miftuħ għal politika ta' "bidla tar-reġim" fir-Russja, inkluż "bil-forza", u appoġġaha;*** |

Or. en

9.6.2021

B9-0347/2021 }
B9-0348/2021 }
B9-0351/2021 }
B9-0352/2021 }
B9-0360/2021 } RC1/Em. 2

**Emenda 2**
**Clare Daly**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, ECR**
L-elenkar ta' NGOs Ġermaniżi bħala "organizzazzjonijiet mhux mixtieqa" mir-Russja u d-detenzjoni ta' Andrei Pivovarov

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa R**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| R. billi ***r-reġim tal-Kremlin*** qed jagħmel dak kollu li jista' biex jiżola lill-poplu tar-Russja mill-komunità internazzjonali u biex iċaħħdu mit-tama tiegħu għal futur demokratiku, inkluż billi jirrikorri għal diversi mezzi biex jipprojbixxi lill-kandidati tal-oppożizzjoni milli jipparteċipaw fl-elezzjonijiet parlamentari tal-2021 fir-Russja; | R. billi ***l-Gvern Russu*** qed jagħmel dak kollu li jista' biex jiżola lill-poplu tar-Russja mill-komunità internazzjonali u biex iċaħħdu mit-tama tiegħu għal futur demokratiku, inkluż billi jirrikorri għal diversi mezzi biex jipprojbixxi lill-kandidati tal-oppożizzjoni milli jipparteċipaw fl-elezzjonijiet parlamentari tal-2021 fir-Russja; |

Or. en

9.6.2021

B9-0347/2021 }
B9-0348/2021 }
B9-0351/2021 }
B9-0352/2021 }
B9-0360/2021 } RC1/Em. 3

**Emenda 3**
**Clare Daly**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, ECR**
L-elenkar ta' NGOs Ġermaniżi bħala "organizzazzjonijiet mhux mixtieqa" mir-Russja u d-detenzjoni ta' Andrei Pivovarov

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Sa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Sa. billi t-tensjonijiet politiċi u militari bejn l-Istati Uniti, in-NATO, l-UE u r-Russja qed jikbru għal livell perikoluż, u dan jirrappreżenta l-aktar kriżi severa ta' sigurtà fl-Ewropa; billi hemm ħtieġa urġenti ta' tnaqqis tat-tensjoni militari u djalogu politiku; billi l-problemi politiċi interni tal-pajjiżi rispettivi jidher li ġiegħlu lill-mexxejja jorjentaw mill-ġdid id-dibattitu pubbliku lejn theddid barrani allegat; billi retorika ostili u nuqqas ta' djalogu politiku saħħew in-nuqqas ta' fiduċja reċiproka u n-nuqqas ta' ftehim;*** |

Or. en

9.6.2021

B9-0347/2021 }
B9-0348/2021 }
B9-0351/2021 }
B9-0352/2021 }
B9-0360/2021 } RC1/Em. 4

**Emenda 4**
**Clare Daly**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, ECR**
L-elenkar ta' NGOs Ġermaniżi bħala "organizzazzjonijiet mhux mixtieqa" mir-Russja u d-detenzjoni ta' Andrei Pivovarov

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Sb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Sb. billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja qed ikomplu jiddeterjoraw, kif muri mill-bosta mewġiet ta' sanzjonijiet tal-UE u mill-kontrosanzjonijiet tar-Russja, l-aktar reċentement dawk imposti fuq erba' individwi Russi min-naħa tal-UE, u d-deċiżjoni tar-Russja li tipprojbixxi lil tmien uffiċjali għolja tal-UE milli jidħlu fit-territorju tagħha; billi s-sanzjonijiet ma wasslu għal ebda bidla fil-politika;*** |

Or. en

9.6.2021

B9-0347/2021 }
B9-0348/2021 }
B9-0351/2021 }
B9-0352/2021 }
B9-0360/2021 } RC1/Em. 5

**Emenda 5**
**Clare Daly**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, ECR**
L-elenkar ta' NGOs Ġermaniżi bħala "organizzazzjonijiet mhux mixtieqa" mir-Russja u d-detenzjoni ta' Andrei Pivovarov

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Premessa Sc (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Sc. billi restrizzjonijiet fuq il-finanzjament barrani ta' attivitajiet minn atturi tas-soċjetà ċivili fejn huma mmirati biex jinfluwenzaw il-politika f'pajjiż partikolari jeżistu f'diversi ġurisdizzjonijiet, inkluż fi Stati Membri tal-UE; billi xi Stati Membri tal-UE jistgħu jimponu penali għan-nuqqas ta' konformità, inklużi l-prosekuzzjoni kriminali u l-priġunerija;*** |

Or. en

9.6.2021

B9-0347/2021 }
B9-0348/2021 }
B9-0351/2021 }
B9-0352/2021 }
B9-0360/2021 } RC1/Em. 6

**Emenda 6**
**Clare Daly**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, ECR**
L-elenkar ta' NGOs Ġermaniżi bħala "organizzazzjonijiet mhux mixtieqa" mir-Russja u d-detenzjoni ta' Andrei Pivovarov

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***3a. Huwa partikolarment imħasseb dwar id-deterjorament tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja, u dwar l-effetti negattivi ta' dan id-deterjorament fuq iż-żewġ partijiet u fuq l-ekonomiji tagħhom, kif ukoll fuq iċ-ċittadini u fuq id-drittijiet tal-bniedem tagħhom; jistieden kemm lill-UE kif ukoll lir-Russja jtemmu l-ispirali ta' tensjonijiet u jimpenjaw ruħhom fi djalogu kostruttiv biex jegħlbu d-differenzi tagħhom, isegwu kritika reċiproka b'mod rispettuż, u joħolqu fehim kondiviż tal-interessi, it-tħassib u l-approċċi; jitlob, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-abolizzjoni immedjata tas-sanzjonijiet reċiproċi;*** |

Or. en

9.6.2021

B9-0347/2021 }
B9-0348/2021 }
B9-0351/2021 }
B9-0352/2021 }
B9-0360/2021 } RC1/Em. 7

**Emenda 7**
**Clare Daly**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, ECR**
L-elenkar ta' NGOs Ġermaniżi bħala "organizzazzjonijiet mhux mixtieqa" mir-Russja u d-detenzjoni ta' Andrei Pivovarov

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 3b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Jistieden lill-UE, lill-Istati Membri tagħha u lill-pajjiżi li mhumiex Membri tal-UE joqogħdu lura minn azzjonijiet jew dikjarazzjonijiet li jikkonfermaw jew li jidhru li jikkonfermaw narrattiva fi ħdan ir-Russja li tidentifika lill-assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lill-NGOs bħala aġenti potenzjali ta' influwenza barranija irregolari; jistieden lill-UE, b'mod partikolari, biex toqgħod lura milli tistrumentalizza s-soċjetà ċivili Russa biex twettaq kwalunkwe politika ta' "bidla tar-reġim" fir-Russja;*** |

Or. en

9.6.2021

B9-0347/2021 }
B9-0348/2021 }
B9-0351/2021 }
B9-0352/2021 }
B9-0360/2021 } RC1/Em. 8

**Emenda 8**
**Clare Daly**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, ECR**
L-elenkar ta' NGOs Ġermaniżi bħala "organizzazzjonijiet mhux mixtieqa" mir-Russja u d-detenzjoni ta' Andrei Pivovarov

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 3c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3c. Jissottolinja li d-djalogu interparlamentari bejn l-UE u r-Russja huwa strument biex jitqajjem tħassib, l-iskambju ta' argumenti u l-promozzjoni tal-fehim u l-fiduċja reċiproka; jinnota li dan l-istrument jintuża fir-relazzjonijiet ma' ħafna sħab oħra li magħhom għad hemm differenzi kbar; jinnota li r-relazzjonijiet interparlamentari mad-Duma Russa ilhom iffriżati għal aktar minn sitt snin, u hu tal-fehma li dan in-nuqqas ta' djalogu kkontribwixxa għall-intensifikazzjoni tan-nuqqas ta' fiduċja miż-żewġ naħat; jitlob li jiġi rrestawrat il-funzjonament normali tad-djalogu interparlamentari bejn id-Duma Russa u l-Parlament Ewropew;*** |

Or. en

9.6.2021

B9-0347/2021 }
B9-0348/2021 }
B9-0351/2021 }
B9-0352/2021 }
B9-0360/2021 } RC1/Em. 9

**Emenda 9**
**Clare Daly**
f'isem il-Grupp The Left

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**PPE, S&D, Renew, Verts/ALE, ECR**
L-elenkar ta' NGOs Ġermaniżi bħala "organizzazzjonijiet mhux mixtieqa" mir-Russja u d-detenzjoni ta' Andrei Pivovarov

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta**
**Paragrafu 3d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni konġunta* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3d. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jippretendu minnhom infushom, kif ukoll minn pajjiżi li mhumiex Membri tal-UE li magħhom jaqsmu affinitajiet ideoloġiċi iktar stretti, l-istess standards li jippretendu mir-Russja fir-rigward tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt;*** |

Or. en